MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 328/2012

**V & C Contractors Limited (C 13748)**

**vs**

**Marinelli Costruzioni S.p.A. (OC 537)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ V & C Contractors Limited, fejn din wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf, disa’ mija u erbgha u tmenin Ewro u erba’ centezmi (€21,984.04) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ *road works* esegwiti mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, inkluz ukoll il-fornitura ta’ materjal relatat mal-istess xogholijiet, ezegwiti

f'*Dockyard Creek, Cospicua*, u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "VC1").

L-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta' attrici, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u tmenin Ewro u erba' centezmi (€21,984.04) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' *road works* ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, inkluz ukoll il-fornitura ta' materjal relatat mal-istess xogholijiet, ezegwiti f'*Dockyard Creek, Cospicua*, u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "VC1").

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma gietx rapprezentata fil-Qorti.

Ikkunsidrat illi Vincent Borg, direttur tas-socjeta' rikorrenti, ikkonferma li l-ammont mitlub fir-rikors promotur ghadu kollu dovut. Ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti kif maghmula fir-rikors promotur jinsabu pruvati sal-grad li trid il-ligi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba; u tikkundanna lis-socjeta' Marinelli Costruzioni S.p.A. thallas lis-socjeta' V & C Contractors Limited is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u tmenin Ewro u erba' centezmi (€21,984.04), bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Marinelli Costruzioni S.p.A.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------